IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.3.2021
COM(2021) 164 final

2021/0087 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1350 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika tal-Litwanja biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet għall-proposta u l-objettivi tagħha

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 ("ir-Regolament SURE") jistabbilixxi l-qafas legali għall-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Istati Membri, li qed jesperjenzaw tfixkil ekonomiku serju kkawżat mit-tifqigħa tal-COVID-19, jew huma mhedda serjament minn tali taqlib. L-appoġġ bis-saħħa ta' SURE jservi għall-finanzjament, primarjament, ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar jew miżuri simili mmirati biex jipproteġu l-impjegati u dawk li jaħdmu għal rashom u b'hekk inaqqsu l-inċidenza tal-qgħad u t-telf tad-dħul, kif ukoll għall-finanzjament, bħala anċillari, ta' xi miżuri relatati mas-saħħa, b'mod partikolari fil-post tax-xogħol.

Fil-25 ta' Settembru 2020, il-Kunsill ta assistenza finanzjarja lil-Litwanja bil-għan li tissupplimenta l-isforzi nazzjonali tagħha biex tindirizza l-impatt tat-tifqigħa tal-COVID-19 u tirreaġixxi għall-konsegwenzi soċjoekonomiċi tat-tifqigħa għall-ħaddiema u għal dawk li jaħdmu għal rashom.

Fil-11 ta' Marzu 2021, il-Litwanja ppreżentat talba ġdida għal assistenza finanzjarja mill-Unjoni skont ir-Regolament SURE.

F'konformità mal-Artikolu 6(2) tar-Regolament SURE, il-Kummissjoni kkonsultat mal-awtoritajiet Litwani biex tivverifika ż-żieda f'daqqa u għolja ħafna fin-nefqa pubblika effettiva u dik ppjanata direttament marbuta mal-miżuri dwar is-suq tax-xogħol tal-Litwanja u kkawżati mill-pandemija tal-COVID-19. B'mod partikolari, in-nefqa miżjuda li għaliha qed tintalab assistenza finanzjarja addizzjonali tappartjeni għall-miżuri eżistenti msemmija fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1350:

(a) skema biex jitħallsu sussidji lil min iħaddem biex ikopri l-pagi stmati għal kull persuna impjegata li tiffaċċja perjodu mingħajr xogħol. Qabel l-1 ta' Jannar 2021, min iħaddem kien jista' jagħżel bejn sussidji li jkopru 70 % tas-salarju, sa massimu ta' darba u nofs (1,5) il-paga minima, jew 90 % tas-salarju (100 % fil-każ ta' impjegati ta' 60 sena u aktar), sa massimu tal-paga minima. Mill-1 ta' Jannar 2021, min iħaddem jista' jirċievi sussidji biex ikopri 100 % tas-salarju, sa massimu ta' 1,5 darbiet il-paga minima. Dawk li jħaddmu li jkunu pparteċipaw fl-iskema jridu jżommu mill-inqas 50 % tal-impjegati tagħhom għal mill-inqas tliet xhur wara li jintemm is-sussidju fuq il-pagi;

(b) skema ta' ħlas ta' sussidji għal impjegati li jirritornaw wara żmien ma jaħdmux, sa massimu ta' sitt xhur wara li jirritornaw lura għax-xogħol. Soġġett għal-limitu tal-paga minima jew darbtejn il-paga minima, li tiddependi fuq l-attività ekonomika mwettqa minn min iħaddem, l-ammont ta' sussidji mħallsa fl-ewwel u fit-tieni xhur wara r-ritorn jista' jilħaq anki 100 % tas-salarju tal-impjegat, fit-tielet u r-raba' xahar 50 % u fil-ħames u s-sitt xahar 30 %. Dawn is-sussidji jistgħu jitqiesu bħala miżura simili għal skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, kif imsemmi fir-Regolament (UE) 2020/672, billi għandhom l-għan li jipprovdu appoġġ għad-dħul għall-impjegati u jgħinu biex jinżammu r-relazzjonijiet ta' impjieg eżistenti.

(c) benefiċċji għal dawk li jaħdmu għal rashom, inklużi dawk li jaħdmu għal rashom involuti f'attività agrikola ma' azjenda agrikola jew impriża agrikola ta' mhux inqas minn erba' unitajiet ta' daqs ekonomiku. Fl-2020, il-benefiċċju ammonta għal EUR

257 u tħallas matul il-perjodu tal-kwarantina u tal-emerġenza tal-istat u fix-xahrejn ta' wara. Fl-2021, il-benefiċċju jammonta għal EUR 260 u jitħallas matul il-perjodu tal-kwarantina u tal-emerġenza tal-istat u sa xahar wara. Il-benefiċċji għal dawk li jaħdmu għal rashom jistgħu jitqiesu li huma miżura simili għal skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, kif imsemmija fir-Regolament (UE) 2020/672, billi għandhom l-għan li jipproteġu lil dawk li jaħdmu għal rashom jew kategoriji simili ta' ħaddiema minn tnaqqis fl-introjtu jew it-telf tiegħu.

Il-Litwanja pprovdiet lill-Kummissjoni bl-informazzjoni rilevanti.

Filwaqt li tqis l-evidenza disponibbli, il-Kummissjoni tipproponi lill-Kunsill biex jadotta Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni sabiex tingħata assistenza finanzjarja lil-Litwanja skont ir-Regolament SURE b'appoġġ għall-miżuri ta' hawn fuq.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-proposta preżenti hija kompletament konsistenti mar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672, li bis-saħħa tiegħu qed issir il-proposta.

Din il-proposta qed issir apparti strument ieħor tal-liġi tal-Unjoni li jipprovdi appoġġ lill-Istati Membri f'każ ta' emerġenza, jiġifieri r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) ("ir-Regolament (KE) Nru 2012/2002"). Ir-Regolament (UE) 2020/461 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jemenda dan l-istrument biex jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu biex ikopri emerġenzi kbar ta' saħħa pubblika u jiddefinixxi operazzjonijiet speċifiċi eliġibbli għall-finanzjament, ġie adottat fit-30 ta' Marzu.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija parti minn firxa ta' miżuri żviluppati b'reazzjoni għall-pandemija attwali tal-COVID-19 bħall-"Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus", u tikkomplementa strumenti oħra li jappoġġaw l-impjiegi bħall-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi/InvestEU. Bl-użu ta' għoti u teħid b'self f'dan il-każ partikolari tat-tifqigħa tal-COVID-19 għall-appoġġ tal-Istati Membri, din il-proposta taġixxi bħala t-tieni linja ta' difiża biex jiġu ffinanzjati skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili, biex jiġu protetti l-impjiegi u b'hekk l-impjegati u l-persuni li jaħdmu għal rashom kontra r-riskju tal-qgħad.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għal dan l-istrument hija r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta ssegwi talba tal-Istati Membri u turi solidarjetà Ewropea billi tipprovdi assistenza finanzjarja tal-Unjoni fil-forma ta' self temporanju lil Stat Membru affettwat mit-tifqigħa tal-COVID-19. Bħala t-tieni linja ta' difiża, assistenza finanzjarja bħal din tappoġġa ż-żieda fin-nefqa pubblika tal-gvern fuq bażi temporanja fir-rigward tal-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili biex tgħinhom jipproteġu l-impjiegi u b'hekk lill-impjegati u lill-persuni li jaħdmu għal rashom kontra r-riskju ta' qgħad u t-telf ta' introjtu.

Appoġġ bħal dan jgħin lill-popolazzjoni affettwata u jgħin biex itaffi l-impatt soċjali u ekonomiku dirett ikkawżat mill-kriżi attwali tal-COVID-19.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tosserva l-prinċipju tal-proporzjonalità. Ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkisbu l-għanijiet tal-istrument.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Minħabba l-urġenza biex titħejja l-proposta u biex tkun tista' tiġi adottata fil-ħin mill-Kunsill, ma setgħetx titwettaq konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Minħabba n-natura urġenti tal-proposta, ma saret l-ebda valutazzjoni tal-impatt.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tikkuntratta self fis-swieq finanzjarji bil-għan li tisilfu lill-Istat Membru li jkun qed jitlob assistenza finanzjarja taħt l-istrument SURE.

Minbarra l-provvediment tal-garanziji tal-Istati Membri, jiddaħħlu salvagwardji oħra fil-qafas sabiex tiġi żgurata s-soliditá finanzjarja tal-iskema:

- Approċċ rigoruż u konservattiv għall-ġestjoni finanzjarja;
- kostruzzjoni tal-portafoll ta' self li jillimita r-riskju ta' konċentrazzjoni, skopertura annwali u skopertura eċċessiva għal Stati Membri individwali, filwaqt li jiġu żgurati riżorsi suffiċjenti li jistgħu jingħataw lill-Istati Membri li huma l-aktar fil-bżonn; kif ukoll
- possibbiltajiet ta' riportament tad-dejn.

2021/0087 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1350 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika tal-Litwanja biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 tad-19 ta' Mejju 2020 dwar l-istabbiliment ta' Strument Ewropew għal appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza (SURE) wara t-tifqigħa tal-COVID-19[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fil-25 ta' Settembru 2020, il-Kunsill ta assistenza finanzjarja lil-Litwanja fil-forma ta' self li jammonta għal massimu ta' EUR 602 310 000 b'maturità medja massima ta' 15-il sena, wara t-talba mil-Litwanja tas-7 ta' Awwissu 2020, bil-ħsieb li tikkomplementa l-isforzi nazzjonali tagħha biex tindirizza l-impatt tat-tifqigħa tal-COVID-19 u twieġeb għall-konsegwenzi soċjoekonomiċi tat-tifqigħa għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom.

(2) Is-self kellu jiffinanzja l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili adottati mil-Litwanja, kif imsemmi fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1350[2].

(3) It-tifqigħa tal-COVID-19 għadha qed tipparalizza parti sostanzjali mill-forza tax-xogħol fil-Litwanja. Dan wassal għal żieda f'daqqa u severa fin-nefqa pubblika mil-Litwanja fir-rigward tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 3(a) u (b) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1350.

(4) It-tifqigħa tal-COVID-19 u l-miżuri straordinarji implimentati mil-Litwanja fl-2020 u l-2021 biex titrażżan it-tifqigħa u l-impatt tagħha kemm soċjoekonomiku kif ukoll dak marbut mas-saħħa qed ikollhom u mistennija li jibqa' jkollhom impatt qawwi fuq il-finanzi pubbliċi. Skont it-tbassir tal-Ħarifa 2020 tal-Kummissjoni, il-Litwanja kienet mistennija li jkollha defiċit u dejn tal-amministrazzjoni pubblika ta' 8,4 % u 47,2 % tal-prodott domestiku gross (PDG) rispettivament sa tmiem l-2020. Fl-2021, id-defiċit u d-dejn tal-amministrazzjoni pubblika tal-Litwanja huma mbassra li jkunu 6,0 % u 50,7 % tal-PDG rispettivament. Skont it-tbassir proviżorju tax-xitwa 2021 tal-Kummissjoni, il-PDG tal-Litwanja huwa proġettat li jkun naqas bi 2,2 % fl-2021.

[1] ĠU L 159, 20.5.2020, p. 1.

[2] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1350 tal-25 ta' Settembru 2020 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika tal-Litwanja biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19, ĠU L 314, 29.9.2020, p. 35.

(5) Fil-11 ta’ Marzu 2021, il-Litwanja talbet assistenza finanzjarja ulterjuri mill-Unjoni f’ammont ta’ EUR 354 950 000 bil-ħsieb li tkompli tikkomplementa l-isforzi nazzjonali tagħha li wettqet fl-2020 u l-2021 biex tittratta l-impatt tat-tifqigħa tal-COVID-19 u tirreaġixxi għall-konsegwenzi soċjoekonomiċi tat-tifqigħa għall-ħaddiema u għal dawk li jaħdmu għal rashom. B’mod partikolari tikkonċerna l-miżuri stabbiliti fil-premessi minn 6 sa 8.

(6) Fil-“Liġi dwar l-Impjiegi Nru XII-2470” tal-21 ta’ Ġunju 2016, kif emendata fl-2020[3], kif issir referenza fl-Artikolu 3(a) tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2020/1350, il-Litwanja introduċiet skema biex jitħallsu sussidji lil min iħaddem biex jiġu koperti l-pagi stmati għal kull persuna impjegata li tiffaċċja żmien bla xogħol, bħala appoġġ matul l-emerġenza jew il-kwarantina tal-istat. Qabel l-1 ta’ Jannar 2021, min iħaddem kien jista’ jagħżel bejn sussidji li jkopru 70 % tas-salarju, sa massimu ta’ darba u nofs (1,5) il-paga minima, jew 90 % tas-salarju (100 % fil-każ ta’ impjegati ta’ 60 sena u aktar), sa massimu tal-paga minima. Mill-1 ta’ Jannar 2021, min iħaddem jista’ jirċievi sussidji biex ikopri 100 % tas-salarju, sa massimu ta’ 1,5 darba l-paga minima. Dawk li jħaddmu li jkunu pparteċipaw fl-iskema jridu jżommu mill-inqas 50 % tal-impjegati tagħhom għal mill-inqas tliet xhur wara li jintemm is-sussidju mħallas.

(7) Skont il-“Liġi dwar l-Impjieg Nru XII-2470” tal-21 ta’ Ġunju 2016, kif emendata fl-2020, kif issir referenza fl-Artikolu 3(a) tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2020/1350, is-sussidji tħallsu wkoll għall-impjegati li jirritornaw wara żmien bla xogħol[4], sa massimu ta’ sitt xhur wara r-ritorn tagħhom għax-xogħol. Soġġett għal-limitu tal-paga minima jew darbtejn il-paga minima, li tiddependi fuq l-attività ekonomika mwettqa minn min iħaddem, l-ammont ta’ sussidji mħallsa fl-ewwel u fit-tieni xhur wara r-ritorn jista’ jilħaq anki 100 % tas-salarju tal-impjegat, fit-tielet u r-raba’ xahar 50 % u fil-ħames u s-sitt xahar 30 %. Dawn is-sussidji jistgħu jitqiesu bħala miżura simili għal skemi ta’ xogħol b’ħinijiet iqsar, kif imsemmi fir-Regolament (UE) 2020/672, billi għandhom l-għan li jipprovdu appoġġ għad-dħul għall-impjegati u jgħinu biex jinżammu r-relazzjonijiet ta’ impjieg eżistenti.

(8) L-awtoritajiet introduċew ukoll benefiċċji għal dawk li jaħdmu għal rashom, inklużi l-persuni li jaħdmu għal rashom li jeżerċitaw attività agrikola ma’ azjenda agrikola jew impriża agrikola ta’ mhux inqas minn erba’ unitajiet ta’ daqs ekonomiku, kif issir referenza fl-Artikolu 3(b) tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2020/1350. Din il-miżura ġiet emendata fl-2020[5]. Fl-2020, il-benefiċċju ammonta għal EUR 257 u tħallas matul il-perjodu tal-kwarantina u tal-emerġenza tal-istat u fix-xahrejn ta’ wara. Fl-2021, il-benefiċċju jammonta għal EUR 260 u jitħallas matul il-perjodu tal-kwarantina u tal-emerġenza tal-istat u fix-xahar ta’ wara. Il-benefiċċji għal dawk li jaħdmu għal rashom jistgħu jitqiesu li huma miżura simili għal skemi ta’ xogħol b’ħinijiet iqsar, kif imsemmija fir-Regolament (UE) 2020/672, billi għandhom l-għan li jipproteġu lil dawk li jaħdmu għal rashom jew kategoriji simili ta’ ħaddiema minn tnaqqis fl-introjtu jew it-telf tiegħu.

---

3 L-Artikolu 41, il-parti 2-1 tal-“Liġi dwar l-Impjiegi Nru XII-2470”" tal-21 ta’ Ġunju 2016, kif emendata permezz tal-Liġi Nru XIII-2822 tas-17 ta’ Marzu 2020, il-Liġi Nru XIII-2846 tas-7 ta’ April 2020, il-Liġi Nru XIII-3005 tal-4 ta’ Ġunju 2020, u l-Liġi Nru XIV-131 tat-23 ta’ Diċembru 2020.

4 L-Artikolu 41, il-parti 2-4 tal-“Liġi dwar l-Impjiegi Nru XII-2470” tal-21 ta’ Ġunju 2016, kif emendata permezz tal-Liġi Nru XIII-2822 tas-7 ta’ Mejju 2020, il-Liġi Nru XIII-3005 tal-4 ta’ Ġunju 2020.

5 L-Artikolu 5-1 tal-“Liġi dwar l-Impjiegi Nru XII-2470” tal-21 ta’ Ġunju 2016, kif emendata permezz tal-Liġi Nru XIII-2822 tas-17 ta’ Marzu 2020, il-Liġi Nru XIII-2846 tas-7 ta’ April 2020, il-Liġi Nru XIII-2877 tat-30 ta’ April 2020, u l-Liġi Nru XIV-35 tat-3 ta’ Diċembru 2020.

(9) Il-Litwanja tissodisfa l-kundizzjonijiet għat-talba ta' assistenza finanzjarja stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2020/672. Il-Litwanja pprovdiet lill-Kummissjoni b'evidenza xierqa li n-nefqa pubblika attwali u ppjanata żdiedet b'EUR 1 101 607 198 mill-1 ta' Frar 2020 minħabba l-miżuri nazzjonali li ttieħdu biex jiġu indirizzati l-effetti soċjoekonomiċi tat-tifqigħa tal-COVID-19. Dan jikkostitwixxi żieda f'daqqa u severa minħabba li huwa relatat ukoll ma' estensjoni ta' miżuri nazzjonali eżistenti relatati direttament mal-iskema ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili li jkopru proporzjon sinifikanti ta' impriżi u tal-forza tax-xogħol fil-Litwanja. Il-Litwanja ffinanzjat EUR 144 347 198 tal-ammont miżjud tan-nefqa permezz tal-fondi tal-Unjoni.

(10) Il-Kummissjoni kkonsultat lil-Litwanja u vverifikat iż-żieda f'daqqa u severa fin-nefqa pubblika attwali u ppjanata li hija direttament relatata mal-iskemi tax-xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili msemmija fit-talba tal-11 ta' Marzu 2021, skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2020/672.

(11) Għalhekk jenħtieġ li tingħata assistenza finanzjarja bil-għan li tgħin lil-Litwanja tindirizza l-effetti soċjoekonomiċi tat-tfixkil ekonomiku gravi kkawżat mit-tifqigħa tal-COVID-19. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu d-deċiżjonijiet rigward il-maturitajiet, il-qies u r-rilaxx tal-ħlasijiet parzjali u tal-partijiet f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali.

(12) Jenħtieġ li l-Litwanja u l-Kummissjoni jqisu din id-Deċiżjoni fil-ftehim ta' self imsemmi fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2020/672.

(13) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tkun bla ħsara għall-eżitu ta' kull proċedura relatata ma' distorsjonijiet tal-operat tas-suq intern li tista' titwettaq, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Din ma twarrabx l-obbligu tal-Istati Membri li jinnotifikaw każijiet ta' għajnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat.

(14) Jenħtieġ li l-Litwanja tinforma lill-Kummissjoni regolarment dwar l-implimentazzjoni tan-nefqa pubblika ppjanata, sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta l-punt sa fejn il-Litwanja tkun implimentat dik in-nefqa.

(15) Id-deċiżjoni li tingħata assistenza finanzjarja ttieħdet b'kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet eżistenti u dawk mistennija tal-Litwanja, kif ukoll it-talbiet għal assistenza finanzjarja skont ir-Regolament (UE) 2020/672 diġà ppreżentati jew ippjanati li jiġu ppreżentati minn Stati Membri oħra, filwaqt li jiġu applikati l-prinċipji ta' trattament ugwali, solidarjetà, proporzjonalità u trasparenza,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1350 hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 jinbidel bis-segwenti:

"1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Litwanja self li jammonta għal massimu ta' EUR 957 260 000. Is-self għandu jkollu maturità medja massima ta' 15-il sena.";

(b) il-paragrafu 4 jinbidel bis-segwenti:

“4. L-ewwel ħlas parzjali għandu jiġi rilaxxat soġġett għad-dħul fis-seħħ tal-ftehim tas-self previst fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2020/672. Kull pagament ieħor għandu jiġi rilaxxat skont it-termini ta’ ftehim ta’ self bħal dan jew, fejn rilevanti, ikun soġġett għad-dħul fis-seħħ ta’ *addendum* għal dan tal-aħħar, jew ftehim ta’ self emendat konkluż bejn il-Litwanja u l-Kummissjoni.”;

(2) L-Artikolu 3 jinbidel bis-segwenti:

“*Artikolu 3*

Il-Litwanja tista’ tiffinanzja l-miżuri li ġejjin:

(a) sussidji fuq il-pagi matul iż-żmien ta’ bla xogħol, kif previst fl-Artikolu 41 tal-'Liġi dwar l-Impjieg Nru XII-2470' tal-21 ta’ Ġunju 2016, kif emendata fl-2020;

(b) sussidji fuq il-pagi għal wara ż-żmien ta’ bla xogħol, kif previst fl-Artikolu 41 tal-'Liġi dwar l-Impjieg Nru XII-2470' tal-21 ta’ Ġunju 2016, kif emendata fl-2020;

(c) benefiċċji għal dawk li jaħdmu għal rashom, kif previst fl-Artikolu 5-1 tal-“Liġi dwar l-Impjieg Nru XII-2470' tal-21 ta’ Ġunju 2016, kif emendata fl-2020;

(d) benefiċċji għal dawk li jaħdmu għal rashom involuti fl-agrikoltura, kif previst fl-Artikolu 5-2 tal-'Liġi dwar l-Impjieg Nru XII-2470' tal-21 ta’ Ġunju 2016, kif emendata fl-2020;

(3) L-Artikolu 4 jinbidel bis-segwenti:

“*Artikolu 4*

1. Il-Litwanja għandha tinforma lill-Kummissjoni sat-30 ta’ Marzu 2021, u kull sitt xhur wara l-implimentazzjoni tan-nefqa pubblika ppjanata sakemm dik in-nefqa pubblika ppjanata tkun ġiet implimentata b’mod sħiħ.

2. Jekk il-miżuri li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 3 ikunu bbażati fuq nefqa pubblika ppjanata u jkunu ġew soġġetti għal Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni li temenda d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2020/1350, il-Litwanja għandha tinforma lill-Kummissjoni fi żmien sitt (6) xhur mid-data tal-adozzjoni ta’ din id-deċiżjoni, u kull sitt (6) xhur minn hemm ’il quddiem dwar l-implimentazzjoni tan-nefqa pubblika ppjanata sakemm dik in-nefqa pubblika ppjanata tkun ġiet implimentata bis-sħiħ.”

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Litwanja.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President